# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Lulju 2022**

**Talba Nru: 216/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 8**

**James Brincat (K.I. 302570(M)) bħala operatur ta' JMS Solutions**

**Vs**

**Alex Falzon (K.I. 737255(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2020, permezz ta' liema, l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu l-ammont ta' elfejn, mija u sbatax il-Ewro u erbgħin ċenteżmu (€2,117.40) rappreżentanti xogħol imwettaq mill-attur u mhux imħallas kif aħjar deskritt fl-istess Avviż[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, u l-imgħax.

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokument anness mal-istess Avviż[2];

Ra r-risposta tal-konvenut, kontenenti kontro-talba[3]; Fir-risposta huwa jilqa' għat-Talba prinċipali b'eċċezzjoni ġenerali, li l-ammont mhux dovut, u lix-xogħol ma sarx mill-attur. Fil-kontro-talba imbgħad, il-konvenut (issa rikonvenzjonanti) jitlob li dan it-Tribunal jikkundanna l-attur (issa rikonvenzjonat) iħallas l-ammont ta' tlett mija, erbgħa u ħamsin Ewro (€354) rappreżentanti danni kkaġunati.

Ra r-risposta tal-attur għal-kontro-talba[4];

Sema' x-xhieda ta' James Brincat[5];

Ra n-nota tal-attur u d-dokumenti hemm eżebiti[6];

Sema' x-xhieda ta' Causin Italo[7];

Sema' x-xhieda ta' Noel Vassallo[8];

Ra l-affidavit tal-konvenut[9];

Sema l-kontro-eżami tal-konvenut[10];

---

[2] Immarkat bħala Dok JMS1 a fol 2 tal-proċess.
[3] Ippreżentata fis-17 ta' Novembru 2020, a fol 9 tal-proċess.
[4] Ippeżentata fit-23 ta' Novembru 2020 a fol 14 tal-proċess.
[5] Magħmula fis-seduta tal-15 ta' Frar 2021 u tibda a fol 20 tal-proċess/
[6] Nota relattiva tinsab a fol 31.
[7] Magħmula fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2021 u tibda a fol a 43 tal-proċess.
[8] Magħmula fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021 u tibda a fol 48 tal-proċess.
[9] Ippreżentat permezz ta' nota appożita li tinsab a fol 53 tal-proċess.
[10] Magħmula waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2022.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur[11];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut[12];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi sa fejn l-attur jitqies bħala attur rikonvenzjonat u l-konvenut jitqies bħala konvenut rikonvenzjonanti, it-termini li sejrin jintużaw f'din id-deċiżjoni sejrin ikunu biss attur u konvenut.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed l-attur. In eżami[13] jispjega li huwa jaħdem bħala *turnkey contractor* u jimpjega żewġ min-nies. JMS Solutions m'hijiex kumpannija iżda hija sempliċiment *tradename*. Jispjega li l-kuntatt mal-konvenut kien seħħ wara li l-attur kien għamel xi xogħol lill-familjari tal-konvenut. Saret laqgħa fejn ġie spjegat in-natura ta' xogħol u l-konvenut ngħata kwotazzjoni, bil-materjal inkluż[14]. Fi Frar jew Marzu tas-sena 2018 beda x-xogħol u kollox kien miexi sew. Meta waslu għall-ewwel sular, il-bennej ċempillu u qallu sabiex jgħaddi *l-piping*. Hekk sar. Dak il-post ġie imsaqqaf (mill-bennej) u beda x-

[11] Ipprezentata fit-8 ta' Marzu 2022 u tinsab a fol 66 tal-proċess.
[12] Ipprezentata fit-12 ta' April 2022 u tinsab a fol 71 tal-proċess.
[13] Dan jibda a fol 20 tal-proċess.
[14] Dok JMS 2 a fol 26 tal-proċess.

xogħol mill-attur fuq l-appartament ta' fuq. Ġara li kien hemm ilment mas-sid tal-post u beda jkun hemm xi dewmien (minn naħa ta' terzi). Ix-xogħol fuq l-appartament t'isfel waqaf u tlesta x-xogħol fl-appartament ta' fuq. Meta staqsa lill-konvenut x'ħa jagħmel fuq l-appartament l-ieħor qallu sabiex għalissa jieqaf għax ma felaħx aktar finanzjarjament. Ġara li biss ftit wara, il-konvenut ippretenda li x-xogħol fl-appartament mhux komplut jerġa' jibda mill-ewwel. L-attur, issa ma setax u kien sejjer jibda xogħol fuq il-kamra tal-banju, iżda peress li l-għamara ma kinitx hemm talab li jingħadda almenu sett ta' ritratti biex jara kif kellu jsir ix-xogħol tal-plumbing. Ma jħobxx jaħdem fl-agħma. Baqa jistenna sakemm itih l-inkarigu l-konvenut. Sa issa qatt ma kien hemm disgwid fuq il-kwalitá tax-xogħol. Dwar il-kontro-talba jgħid li dak kien xogħol li ried il-konvenut stess għaliex ried jiffranka l-flus. Il-konvenut ried li tittaqqab kantuniera, u l-attur avżah li dan sejjer isir bil-jigger, u mbgħad il-konvenut jgħatti t-toqba b'xi gypsum ħabba l-flus. Dan ix-xogħol, li sar fil-komun dam xi erba t'ijiem u l-konvenut qatt ma waqqfu. Wara dan, u lura għax-xogħol tal-kamra tal-banju, jgħid li għalkemm prova jagħmel kuntatt diversi drabi mal-konvenut, dan ma rrispondihx. Fl-aħħar qallu sabiex ma jerġax imur aktar lejn il-propjetá għax inkella kien sejjer jagħmlillu rapport mal-Pulizija. Il-konvenut talbu l-kont. Jgħid li l-ammont tal-appalt kien ħa jkun ħafna aktar għoli u li dak il-kont jinkludi biss ix-xogħol li sar. Ma dak mitlub m'hemmx ukoll talba għal danni talli twaqqaf qabel. Mistqosi mit-Tribunal jekk huwa qatt rax id-dokument utilizzat mill-konvenut għall-kontro-ttalba, jirrispondi fin-negattiv.

Ma sar l-ebda kontro-eżami lill-attur.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Causin Italo. In eżami[15] jispjega li huwa kien għamel ix-xogħolijiet mertu ta' dawn il-proċeduri. L-ewwel beda x-xogħol fuq l-

[15] Xhieda relattiva tibda a fol 43 tal-proċess.

elettriku u kollox kien sejjer sew. Dwar il-komun jgħid li huma rrifjutaw li jagħmluh, iżda mbgħad aċċettaw għaliex il-konvenut qalilhom li kien sejjer jgħatti t-toqob hu stess. Jgħid li fil-komun ma nkiser xejn, iżda huma qatgħu dak li kellhom jaqtgħu.

Illi in kontro-eżami magħmul fl-istess seduta, is-Sur Italo ikkonferma li jiftakar fejn kien il-post. Jikkonferma li sar ħafna xogħol preparatorju. Jaf li kellu jsir xi xogħol ieoħr iżda l-attur qatt ma qallu biex imur. Sa fejn jaf hu kien hemm xi disgwid. Hu m'għamilx kuntratti iżda huwa l-ħaddiem.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Noel Vassallo. In eżami[16] spjega li huwa mar wara x-xogħol magħmul mill-atturi u sab kaxxi ġol-ħajt bil-wires. Huwa jagħmel xogħol ta' electrician. Għamel xi xogħol ukoll fil-komun. Il-wiring tal-komun ma kienx lest u għamlu hu. Semma x-xogħolijiet ukoll li għamel fl-appartamenti. L-istima, mehmuża mal-kontro-talba kienet stima maħruġa minn ħuħ li jifhem fl-irħam. Jgħid li din żgur għoliet illum.

Illi inizjalment il-konvenut xehed permezz t'affidavit[17]. Jgħid li huwa kien avviċina lill-attur sabiex jagħmel x-xogħolijiet ta' dawl u ilma neċessarji f'dan l-iżvillup. Il-ħsieb inizjali kien li tinbena l-arja u mbagħad wara jsir xi xogħol fl-appartament t'isfel. L-attur beda ġimgħatejn tard. Kien hemm diversi ġranet fejn ma sar xejn. Kien hu li mmarka fejn għandu jsir ix-xogħol. Kien hemm disgwid fuq fejn kellhom isiru l-plakkek. Jgħid li huwa ġera wara l-attur iżda dan ma kienx jirrispondi. Wara l-Milied tas-sena 2018 huwa qallu sabiex ikompli u li dan abbanduna l-post. Huwa sab li xi ħadd ieħor u tlesta kollox. Dwar il-kontro-talba rigwardanti l-komun jgħid li dan ix-xogħol ma kellux isir hekk.

---

16 Xhieda relattiva tibda a fol 48 tal-proċess.
17 Dan jibda a fol 54 tal-proċess.

Illi in kontro-eżami[18], il-konvenut jispjega li fi Frar 2018 l-attur kien għadda t-trinek u għamel il-pajpijiet. Jgħid li meta spiċċat il-kostruzzjoni l-attur kien diġa waqaf mix-xogħol. Jgħid li huwa minnu li kellu l-ewwel isir l-kontro-bejt u dan sar f'Ottubru 2018. Jikonnferma li l-attur għamel xi xogħol. L-attur kellu jkompli wara li jsir il-madum. Skond hu l-madum fil-kamra tal-banju kien lest u seta jaħdem. Jikkonferma li fil-kont ma hemm xejn dwar din il-kamra għax ma sarx xogħol. Jikkonferma li kien hemm xi messaġġi fi Frar 2019 fejn qallu biex ma jiġix aktar. Mistoqsi mit-Tribunal għala bgħat messaġġi fi Frar 2019 jekk fil-Milied tas-sena 2018 kien skond hu qallu biex ma jiġix aktar, ma kienx kapaċi jwieġeb u qal biss li ma jiftakarx. Jgħid li parti mill-kont tħallas, id-depożitu tħallas. Dwar il-komun jgħid li l-madum kien diġa f'postu u kien l-attur li kissru. It-trinek kellhom jgħaddu bilfors minn ġewwa. Ma jiftakarx li l-attur qallu li x-xogħol imissu jsir bil-corer. Kien qallu biex iġib nies oħra iżda l-konvenut kien mgħaġġel biex jitlesta x-xogħol. Jikkonferma li huwa (l-konvenut) kien sejjer jgħatti dan ix-xogħol bil-gypsum. Ma kienx hemm dakinhar li saru t-toqob.

**<u>Mertu – Talba Prinċipali.</u>**

Illi magħmul dan ir-riassunt, it-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija dik emerġenti mill-Artikoli 1633 sa 1643 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u allura t-Tribunal qiegħed jikkunsidra l-kuntratt ta' bejn il-kontendenti bħala wieħed t'appalt[19].

[18] Magħmul fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2022 u li jibda a fol 59 tal-proċess.
[19] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ellul Classic Design Woodworks Limited (C64804) vs. Roni Demanuele,</u>** (App Ċiv Nru: 310/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-18 ta' Mejju 2022.

Illi b'mod ġenerali[20] jingħad li min jikkuntratta sabiex jagħti bħala oġġett prestazzjoni *da fare*, jitqies li qiegħed jobbliga ruħu li jagħmel dan b'diliġenza ta' *bonus paterfamilias*[21].B'mod aktar speċifiku mbgħad, għal dak li jikkonċerna vizzji fix-xogħol magħmul, appaltatur huwa hekk preżunt li jkun ħati f'każ li xi vizzju jew difetti jimmanifestaw ruħhom[22]. Issa huwa hekk ġustament mgħallem li appaltatur m'għandux jissokta li jespleta l-inkarigu mogħti lilu jekk iqis li l-istruzzjonijiet sejrin jirriżultaw f'xogħol ħażin[23]. Huwa obbligu prinċipali tal-

---

[20] Hawnhekk, it-Tribunal ikun qiegħed jonqos jekk ma jagħmilx referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et,** (App Ċiv Nru: 323/2002/1) L-enunċjazzjoni elaborata dwar il-prinċipji ġuridiċi rigwardanti l-isitut t'appalt, magħmula f'dik is-sentenza, hija ta' spiss segwita u mħaddna mill-Qrati tagħhna. Dan it-Tribunal ukoll jieħu okkażżjoni jagħmel tiegħu t-tgħalim hemm imfisser.

[21] F'dan is-sens, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs Silvio Busuttil,** (App Ċiv 1408/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Mejju 2010, fejn intqal hekk: *"Fost l-obbligazzjonijiet li ghandhom b'oggett prestazzjoni "di fare", bhal ma hekk hu l-kuntratt ta' appalt, hu mistenni li dik l-obbligazzjoni tieghu taghti rizultat finali u tajjeb f'kull rispett, biex jista' jinghad li l-appaltatur ikkonforma ruhu mal-mudell tad-diligenza tal-bonus paterfamilias skond l-Artikolu 1132 Kodici Civili. Il-kuncett ta' din id-diligenza jimplika li hu jadopera l-kawteli indispensabbli ghall-adempiment tal-prestazzjonijiet tieghu skond ir-regoli ta' larti u tat-teknika tajba. Dan, difatti, huwa kriterju ghal liema spiss drabi jaghmlu riferiment il-Qrati taghna. Hekk inghad illi l-obbligu tad-diligenza jikkomprendi li l-appaltatur jippresta kapacita ordinarja u wkoll "quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto". Ara "Carmelo Scicluna -vs Giuseppe Mallia et", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1929;"*

[22] Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius,** (Ċit Nru: 1003/1989/2), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ġunju 2004 (mhux appellata) fejn, wara li saret referenza estensiva għa-ġurisprudenza in materja, ġie enunċjat, b'awtoritá, is-segwenti: *"Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza prevalenti l-appaltatur huwa meqjus fi htija ghax-xoghlijiet ezegwiti mhux skond l-arti u s-sengha, jekk jinstabu vizzji u difetti f'dawn l-istess xoghlijiet. Vizzji li hu seta' nduna bihom jew kellu, dejjem in bazi ghar-regoli ta' l-arti, jintebah bihom".*

[23] Issir referenza, fost diversi, għas-sentenza fl-ismijiet **Francis Stivala noe vs Hector Borg pro et noe,** (Ċit Nru: 446/1994/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003 (mhux appellata) fejn reġa ġie kkonfermat hekk: *"Jinsab ritenut ukoll illi "l-appaltatur ma hux mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol" ("Nobbli Gioacchino Attard Montalto -vs Emanuele Schembri et", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1957). Anzi jinghad ukoll illi "e` dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole della arte" ("Nicola Vella -vs- Luigi Agius", Appell, Sede Inferjuri, 7 ta' April 1923); Huwa ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li "ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'il quddiem." ("Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);"*

appaltatur li jara li x-xogħol li sejjer iwettaq ikun qiegħed isir utilment għall-kommittent li jkun inkarigah[24].

Illi applikati l-fatti għal dawn il-prinċipji, dan it-Tribunal jgħid mingħajr mezzi termini li l-attur għandu raġun fit-talba prinċipali tiegħu. Huwa ċar li kien il-konvenut li waqqaf lill-attur u li l-attur għandu kull dritt jirreklama x-xogħolijiet magħmula minnu[25]. Anzi, l-attur seta anke f'dan il-każ jitlob li jiġi likwidat ukoll ammont ulterjuri minn dan it-Tribunal għaliex għal dan it-Tribunal huwa ċar ukoll li ma kien hemm l-ebda raġuni valida sabiex l-attur twaqqaf minn xogħolu. Madanakollu, dan it-Tribunal huwa marbut ma dak li ġie mitlub u ma jistax jgħatti rimedji ulterjuri. Jirriżulta li l-problemi insorġew minn naħa tal-konvenut biss u għalhekk għandu jħallas l-ispejjeż relattivi.

Illi ta' min wieħed isemmi wkoll li ma sar l-ebda kontro-eżami lill-attur. It-Tribunal ftit jista' jifhem x'seta kien il-gwaddan tal-konvenut b'din l-ommissjoni. Huwa prinċipju stabbilit fis-sistema ġuridika nostrana li għal dak li jikkonċerna n-nuqqas ta' utilizzar tal-kontro eżami, xhieda mogħtija in eżami li ma tiġix sottoposta għal xi forma ta' skrutinju tiġi qisha ġiet aċċettata bħala veritiera[26]. Dan it-tagħlim jinsab rifless ukoll f'diversi sentenzi tal-Qrati u tribunali

---

[24] F'dan is-sens ukoll, issir referenza, kemm għal dak deċiż u kemm għar-rakkolta ġurisprudenzjali in materia, għas-sentenza fl-ismijiet **C & F Building Contractors Ltd vs Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd**, (Ċit Nru: 975/2000/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2012 (mhux appellata)

[25] Dwar dan jitkellmu ċar l-artikoli 1640(2) u 1640(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li għalmet il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Cutaja Constuction Limited vs Pierre P. Gregoire,** (Ċit Nru: 2840/96) mogħtija nhar id-29 ta' Marzu 2019.

[26] L-Awturi Richard Glover u Peter Murphy, fl-opra tagħhom **Murphy on Evidence** jgħidu hekk: *Failure to Cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held techincally to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallened ebidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine*" –XIII edizzjoni, a fol 632.

nostrana[27]. Naturalment peró dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-proċeduri sħaħ[28], fejn kif diġa' ġie raportat hawn fuq, apparti dikjarazzjoni soġġettiva tiegħu, l-konvenut kien passiv[29].

Illi huwa minnu li l-konvenut għażel li jtella' lill Noel Vassallo sabiex jipprova jispjega x-xogħol li huwa għamel. Madanakollu, dan ix-xhud ma kienx utli sabiex jgħin għar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza.

Illi l-konvenut għażel li jittanta diversi difiżi kontra dak mitlub mill-attur. Hekk per eżempju formalment jgħid li x-xogħol magħmul sar ħażin u mbagħad waqt il-proċeduri jbiddel id-diskors u jattribbwixxi dewmien għall-fatt li ma jridx iħallas[30].

---

[27] *Vide inter alia,* is-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion et vs Il-Kontrollur tad-Dwana,** (Rik Nru: 1338/10 MCH), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-18 ta' Lulju 2017. Wieħed huwa wkoll mistieden jara s-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, fl-ismijiet **Emanuel Esposito vs Carmelo Mugliett**, (Talba Nru: 208/2017 KCX) deċiża fid-9 ta' Jannar 2019 (mhux appellata).

[28] Fis-sentenza fl-ismijiet **Knightsbridge Developments Limited (C-41829) vs Citadel Insurance plc,** (Rik Nru: 978/08 TA), deċiża fis-7 ta' Lulju 2017 (pendenti appel) ġiet ritenut hekk: *"Is-Socjeta` attrici tkompli targumenta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, li l-fatt wahdu li ma gewx kontro ezaminati x-xhieda taghha, li dak li qalu dawn ix-xhieda ghandu jittiehed bhala vangelu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma din il-posizzjoni. Li kieku s-Socjeta` konvenuta baqghet inattiva ghal kollox waqt il-kawza, kienet tkun storja ohra mil-lat ta' evalwazzjoni probatorja. Izda xhud mhux kontro-ezaminat, ix-xhieda tieghu xorta tista' tigi kkonfutata bi provi ohrajn li jitressqu waqt il-kawza. Il-provi li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tilhaq dak il-konvinciment necessarju fuq bilanc ta' probabbilitajiet huma varji. Xhieda mhux kontestata ghax ma sarx kontra ezami tax-xhud, ma jfissirx li din tibqa' wieqfa fuq saqajha, jekk jigu prodotti provi ohrajn li jinnewtralizzaw l-effikacja taghha, ghas-semplici raguni li ma jkunx sar il-kontro ezami tax-xhieda jew xhud."*

[29] Kien hemm aċċenn għal dan il-punt mid-difensur tas-soċjetá attriċi fit-trattazzjoni tal-għeluq.

[30] Sa fejn l-konvenut jidher li qiegħed jargumenta l-intempestivita tal-azzjoni, tajjeb li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Sciberras *et* vs Anthony Montebello *pro et noe*,** (Ċit Nru: 744/1989/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003 fejn intqal hekk: *"Jigi notat illi l-konvenut proprio et nomine eccepixxa intempestivitá` ta' l-azzjoni. Konsiderata izolatament minn provi ohra din l-eccezzjoni ghandha favur taghha lawtorita` tal-gurisprudenza li fuq is-suggett ex abundentia irriteniet illi "hija ntempestiva l-azzjoni ghall-hlas ta' appalt meta x-xoghol fuq dak l-appalt ma jkunx gie eżegwit sewwa" (Vol. XLVII P I p 650) jew "ix-xoghol ma jkunx tlesta kollu" (Vol. XLIV P II p 574; "Salvu Gullaimier et noe -vs- A. Borg Cardona", Appell Kummercjali, 1 ta' Marzu 1988); Fil-kaz de quo din l-eccezzjoni pero` ma tistax tigi sostenuta u l-konvenut ghalhekk ma jistax jircievi l-ebda beneficcju minnha.*

Illi tajjeb li jiġi mfakkar li eċċezzjoni, bħal talba, tibqa biss mera allegazzjoni mingħajr is-sostenn tal-prova konvinċenti.[31]Ċertament illi ma għandux ikun it-Tribunal illi jagħmel dak li parti għandha tagħmel f'kawża.[32] Kien jinkombi fuqu li jipprova dan id-dannu[33]. B'hekk jiġi li l-konvenut naqas milli jsewgi l-massima

---

*Dan ghaliex sua sponte elegga li jaghmel ix-xoghol rettifikatorju u ta' tkomplija permezz ta' terzi. Gjaladarba opta ghal din it-triq ma jistax imbghad jippretendi li jkompli jsostni l-eccezzjoni tieghu ta' lintempestivita`. Dan in kwantu t-triq l-ohra maghzula minnu estingwiet l-istess eccezzjoni. Isib ghalhekk applikabilita` l-principju tad-dritt Ruman "electa una via non datur recursus ad alteram";*

[31] Kif tajjeb jgħid il-ġurista Francesco Ricci fl-opra tiegħu **<u>Commento al Codice di Procedura Civile Italiano</u>** *"Il convenuto puó difendersi in doppio modo; respingendo ċioé semplicement le contrarie pretese, ovvero elevando altre pretese che elidano quelle dell' attore. Nella prima iportesi, nulla affera, ma nega quanto ha aserito l'attore; quindi a lui non puó farsi carico di prova alcuna. Nella seconda invece, il convenuto non solo nega, ma afferma a sua volta; ed é giusto che tale affermazione, in omaggio al principio d'eguaglianza, non proca effetto se non sia provata"* – Vol II, Delle Prove, Delle Sentenze e Dei Mezzi Per Impugnarle, Eugenioe e Filippo Cammelli, 1886, a fol 9.

[32] Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>F. Advertising Limited vs Simon Attard et</u>** (Appell Ċivili Nru: 866/2007/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-21 ta' Mejju 2010, intqal hekk: *"Kif imtenni bosta drabi minn din il-Qorti, id-disponibilita` tal-provi hi dejjem mhollija fl-inizzjattiva tal-parti. Dan, multo magis, imbaghad in vista tal-principju generali li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni d-domanda. Jekk dan ma jsirx, u fid-djalettika processwali l-parti tonqos li ggib il-prova okkorrenti, dik l-istess parti ma tistax tlum lit-Tribunal milli jiddeciedi iuxta alligata et probata ghax dan hu wkoll principju konsagrat fid-duttrina procedurali u, in kwantu tali, jintitola lill-gudikant li jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvinċenti"*.

F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti</u>**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

[33] Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil,</u>** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), (App Nru: 7/2010) mogħtija nhar is-7 ta' Mejju 2010, intqal hekk: "*huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu."*

*reus in excipiendo fit actor*[34]. Dan it-Tribunal ġie offrut biss verżjoni unika tal-konvenut u xejn aktar[35].

Illi anke l-ammont mitlub ma jirriżultax li huwa wieħed eżaġerat u ġie kkonfermat li huwa l-ammont ta' xogħol li twettaq mill-attur. Ta dan għandu jitħallas.

Illi b'hekk it-Talba prinċipali sejra tintlaqá.

**<u>Il-Kontro-Talba.</u>**

Illi sa fejn huwa applikabbli dak li ntqal hawn fuq, dak ir-raġunament jgħodd ukoll ai fini tal-kontro-talba. Il-konvenut hawn jirreklama dannu kkaġunat mill-attur waqt ix-xogħol magħmul fil-komun. Bid-dovut rispett, għajr għal din il-verżjoni soġġettiva tiegħu[36], hemm karenza totali ta' provi. Lanqas biss almenu ingħata lil dan it-Tribunal ritratt uniku, li allura seta jkun t'għajnuna bħala prova

[34] Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Joseph Tonna vs Philip Azzopardi</u>** (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April, 2007 ġie ritenut hekk: *"ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')."*

[35] F'dan is-sens utli l-kliem li jgħid l-awtur **<u>Giorgio Bianchi</u>** fejn ġustament jispjega li *"Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte."* – CEDAM, 2009, a fol 172.

[36] Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,</u>** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa ddmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."*

oġġettiva[37], sabiex jagħti stampa ta' dak li qiegħed jgħid il-konvenut ta' dak li l-konvenut jiddeskrivi bħala stat diżastruż.

Illi għal dan it-Tribunal huwa ċar li l-kontro-talba saret biss b'ritaljazzjoni għat-Talba prinċipali magħmula lilu mill-attur. Apparti l-fatt li dan it-Tribunal m'għandu l-ebda forma ta' ħjiel dwar id-dannu magħmula, huwa ċert sal-grad rikjest li dak ix-xogħol twettaq fuq struzzjonijiet tal-konvenut, b'dik il-modalitá aċċettata u mixtieqa u xejn aktar. Dan qiegħed jingħad apparti l-fatt li hemm dubji serji dwar il-valur ta' dannu, għaliex l-istima prodotta minn Noel Vassallo ma tantx kienet t'għajnuna fid-dawl tax-xhieda tiegħu. Dak li jrid l-artikolu 1038 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġiex pruvat f'dan il-każ[38].

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-kontro-talba qiegħda tiġi miċħuda.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba bili filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut rikonvenzjonanti u jilqá t-talba prinċipali tal-attur rikonvenzjonat, jilqá l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat għal-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti liema talba rikonvenzjonali qiegħda tiġi miċħuda u għalhekk jikkundanna lill-konvenut rikonvenzjonanti jħallas lill-attur rikonvenzjonat is-somma ta' elfejn, mija u sbatax il-Ewro u erbgħin ċenteżmu (€2,117.40) bl-imgħax legali mill-15 ta' Settembru 2020[39] sad-data tal-pagament effettiv.

---

[37] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Gio Maria Agius vs Giuseppe Agius et,** (Ċit Nru: 886/85) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Ġunju 1969 fejn ġie ġie mfakkar hekk: *" Illi fl-esperienza forensika, f'kwazi kull process, għal kull min jeżamina l-provi bl-aħjar reqqa, għandha temerġi xi cirkostanza, jew serji ta' cirkostanzi, li tispikka fos il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklussiva, tal-kas".*

[38] Imsemmi fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut a para 23.

[39] Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba a tenur tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-konvenut rikonvenzjonanti fl-intier tagħhom.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur